**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Lulju, 2017**

**Mandat Nru: 876/2017/AF**

**Cleaven Pace**

**Carlos Pace**

**u**

**Joseph Pace**

**vs**

**Carmel Muscat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Cleaven Pace, Carlos Pace u Joseph Pace li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talbu lil din il-Qorti zzomm lil Carmel Muscat milli jibni jew jikkostruwixxi hitan li jikkonfinaw precizament mat-tambocci fis-saqaf tal-fond ossija *showroom* bl-isem Scotch Automobiles ta' Triq Testaferrata, Ta' Xbiex jew kull struttura ohra li tillimita dawl naturali li jidhol mill-imsemmija tambocci, specifikament izda

mhux limitatament dawk il-hitan indikati bl-ahmar fuq il-pjanta annessa Dok. S, indikati bl-ittri A – B, C – D, u E – F – G.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Carmel Muscat.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti fis-sens:

> *"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal*

*dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd.”* – (Mugliett vs Bonnici – 25 ta’ Jannar 2005).

Fil-kaz in ezami jidher mad-daqqa t’ghajn illi l-fond tar-rikorrenti jgawdi d-dawl minn tambocci li biswit maghhom ezatt, l-intimat ser itella’ kostruzzjoni ta’ erba’ sulari. Ir-rikorrenti Carlos Pace jikkonferma bil-gurament illi t-tambocci kienu ezistenti meta huwa akkwista l-fond, ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti jidher mad-daqqa t’ghajn illi l-fond igawdi minn servitù “*luminum*”.

Issa kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Darmanin vs Camilleri (3 ta’ Gunju 2004):

*“Fil-kaz tas-servitù luminum, huwa moghti lis-sid tal-fond serventi li jtella’ bini fil-gid tieghu, imbasta jhalli wisgha bizzejjed biex il-fond dominanti jkun jista’ jibqa’ jiehu d-dawl.”*

Fil-kaz in ezami jidher mad-daqqa t’ghajn mill-pjanti esibiti in atti illi mhuwiex mahsub li jithalla wisgha bizzejjed biex jibqa’ jidhol bizzejjed dawl mit-tambocci. Kostruzzjoni ta’ erba’ sulari certament twassal ghall-hsara irrimedjabbli.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti tqis li r-rikorrenti rnexxielhom jissodisfaw l-vot tal-ligi u ghalhekk il-Qorti tilqa’ definittivament it-talba ta’ Cleaven Pace, Carlos Pace u Joseph Pace kif kontenuta fir-rikors taghhom tat-13 ta’ Gunju 2017.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF